MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2003

Numru 45/2003

**App Nru 45/03**
**App Nru 50/03**

**Il-Pulizija**

**v.**

**John Mizzi**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra John Mizzi talli (**1**) fit-22 ta’ Settembru, 1995 fi Triq il-Kapuccini, Victoria, Ghawdex, ghall-habta tas-7.00 pm, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’perikolu car, ikkommetta sfregju gravi u permanenti fil-wicc tal-Ispettur Paul Vassallo, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz,

jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz; (**2**) talli fl-istess data, lok u hin attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-Ispettur Paul Vassallo, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi minn awtorita` kompetenti; (**3**) talli fit-22 ta' Settembru, 1995 fi Triq ir-Repubblika, Victoria, Ghawdex, ghall-habta tas-7.00 pm ghamel atti jew gesti oxxeni li joffendu l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika; (**4**) talli fl-istess data u hin f'Victoria, Ghawdex, ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija; (**5**) talli fl-istess data u hin ikkommetta ksur ta' sinjali li juru li m'hemmx dhul fi Triq Ganni Vassallo u fi Triq Sir Luigi Camilleri, Victoria, Ghawdex; (**6**) talli fl-istess data u hin f'Victoria, Ghawdex, saq b'velocita` eccessiva u perikoluza b'perkolu ghal haddiehor; u (**7**) talli fl-istess data, lok u hin zamm fuqu arma li taqta' u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali (fol. 286 tal-atti) li permezz taghha l-istess Avukat Generali, billi deherlu li mill-kumpilazzjoni tista' tinsab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 95(1), 96(a), 209, 216(1)(b), 338(ee) u 533 tal-Kodici Kriminali, fl-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 u fl-Artikoli 13 u 19 tal-Kap. 66, baghat l-atti lura ghand il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) pero` bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali biex l-imputat jigi ggudikat minn dik il-qorti fin-nuqqas ta' oggezzjoni ta' l-istess imputat;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-21 ta' Frar, 2003 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi John Mizzi **mhux hati** skond l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, u minnhom illiberatu, izda **sabitu hati** "ta' l-akkuzi l-ohra" u kkundannatu ghall-hlas ta' multa komplessiva ta' ghoxrin lira (Lm20) u ordnat il-konfiska tas-sikkina ezibita;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi John Mizzi, minnu ppresentat fl-10 ta' Marzu, 2003 li permezz tieghu talab ir-

riforma ta' l-imsemmija sentenza fis-sens li din il-Qorti tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati izda tirrevokaha fejn sabitu hati u kkundannatu piena; rat ukoll ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fis-26 ta' Marzu, 2003, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza riferibbilment ghall-piena erogata mill-ewwel qorti;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-18 ta' Lulju, 2003; ikkunsidrat:

Din il-Qorti hi tal-fehma li jkun utili li tigi riprodotta parti mis-sentenza appellata ghax fiha hemm riassunt sostanzjalment korrett tal-fatti saljenti ta' din il-kawza. Din il-Qorti qabel xejn hija fid-dover tinnota li din il-kawza bdiet quddiem il-Qorti Inferjuri f'Settembru 1995 u damet hafna biex tigi deciza mill-ewwel qorti principalment minhabba l-indulgenza zejda ta' l-istess qorti lejn l-appellant, allura imputat, u lejn id-difensur tieghu billi ppermettiet kontro-ezamijiet interminabbli u hafna drabi rrelevanti, kif ukoll ikkoncediet differimenti ripetutament lill-imputat u lid-difensur tieghu.

L-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, qalet *inter alia* hekk:

***Illi mill-provi mressqa ghal-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti jirrizulta illi fit-22 ta' Settembru, 1995 ghall-habta tas-7.00 pm fir-Rabat, Ghawdex l-imputat ghamel manuvra bil-vettura tieghu konsisteni filli regga lura ghal-fuq zebra crossing fuq il-main road. Dak il-hin kienet ghaddejja vettura tas-CID li ma kellha ebda sinjal fuqha li turi li kienet tal-Pulizija u fiha kien hemm l-Ispettur Paul Vassallo riekeb fuq wara u liebes pajzan li mmedjatament ghajjat fid-direzzjoni tal-imputat biex jurih li l-manuvra li ghamel ma ghogbitux. L-imputat ireagixxi billi ghamel mossa oxxena b'subajh fid-direzzjoni tal-Ispettur u dan tal-ahhar nizel mill-vettura u malli ra hekk l-imputat rega ghamel il-mossa u harba bil-vettura tieghu.***

***Minn hawn beda insegwiment bil-vettura fuq imsemmija li kien fiha ukoll l-Ispettur Antonello***

***Grech, Surgent u Kuntistabbli, lkoll liebsin pajzana. L-imputat saq bi speed qawwi u fi trieqtu ghadda ukoll kontro s-sinjal tat-traffiku minn zewg toroq sakemm sab ostakolu, hareg sikkina mil-vettura, abbanduna l-vettura tieghu, trakk, u telaq jigri sakemm wasal fil-Fire Station. Hemmhekk l-imputat kien kontrollat u mizmum izda f'dan l-intervent l-ufficcjali tal-Pulizija infurmaw lill-Ispettur Vassallo li kellu qasma f'wiccu. Din il-qasma irrizultat fi sfregju konsistenti f'ticrita li ddewwiet b'hames suturi.***

***L-imputat jghid illi meta ra lill-Ispettur Vassallo hiereg mill-vettura hamra, haseb li kien wiehed Malti mill-Mqabba li kellu xi jghid mieghu u ghalhekk harab bit-truck tieghu meta ra li kienu erba fil-karozza ghaliex haseb li riedu jtuh xeba. Huwa mar ghall-protezzjoni fil-Fire Station fejn jaf li tkun mghammra minn Ufficcjali tal-Pulizija. Tant hu hekk illi meta l-Ispettur Vassallo qabdu minn xahru u sammru mal-hajt fil-Fire Station huwa ceda ghall-kollox meta l-Ispettur Vassallo qallu: "mela inti hekk taghmel lill-Pulizija". Malli sema hekk l-imputat induna li dawk l-erba min nies kienu pulizija minkejja li hu kien gia jaf lis-surgent Portelli u lil-Kuntistabbli Apap izda ma kienx jaf li kienu huma fil-vettura pajzana tal-Pulizija.***

***Inoltre hareg ukoll mix-xhieda illi l-Ispettur Antonello Grech induna li l-imputat kellu sikkina f'idu u appena induna ta daqqa fuq sieq l-imputat u dan waqa mal-art flimkien mal-Ispettur Vassallo li spicca fuq u immobilizzah. Dak il-hin l-Ispettur Vassallo esklama li ma kienx hemm ghalfejn daqshekk forza ghaliex l-imputat ma kienx qieghed jirrezisti bil-forza. Is-sikkina spiccat taht idejn l-imputat u ingabret mill-Pulizija Apap.***

***Id-difiza qajmet dubbji serji kemm kienet qed tahdem il-beacon light u s-serena waqt l-insegwiment liema beacon light ta' lewn blu twahhlet mas-saqaf waqt l-insegwiment u tnehhiet biex johrog l-ispettur mill-karozza. Il-fuse tas-sirena ukoll inharaq waqt l-insegwiment. Filwaqt li l-Ispettur jghid, u gustament,***

*li hu wahhal il-beacon light fuq is-saqaf u thabat xi ftit biex jipplaggja il-wire fil-karozza, is-Surgent jghid li hu ra il-beacon light tixghel f'idejn l-Ispettur qabel dan wahhalha mas-saqaf tal-karozza.*

*Ikkunisdrat illi fl-ewwel lok id-difiza ttentat tpoggi in dubbju r-rizultat tal-ferita subita mill-Ispettur Paul Vassallo peress illi din ftit li xejn kienet ghadha tidher. Minkejja dan, il-gurisprudenza nostrali hija cara u llum huwa pacifiku illi la darba l-ferita tkun fil-wicc ma hu ta' ebda beneficcju l-fatt li l-ferita setghet damet biss granet biex tfiq jew li din qieghda f'parti tal-wicc li ma tidhirx. Ghalhekk l-Qorti mhix ser taghmel ebda konsiderazzjoni ulterjuri dwar dan ghajr li l-isfregju huwa pruvat bhala konsistenti f'ticrita fuq haddejn l-Ispettur li kien jehtiegilha hames suturi biex titfejjaq u baqghet tidher.*

*Dak li jirrikjedi konsiderazzjoni invece huwa l-fatt illi l-imputat mar fil-Fire Station biex jirrikorri ghall-ghajnuna tal-Pulizija u malli kien infurmat illi dawk l-erbat irgiel kienu Pulizija ceda ghal-kollox. Dan jehtieg ukoll ikun marbut mar-rizultanzi tal-perit mediku li kkonferma li l-qata kienet tikkonsisti in parti f'qata dritta u in parti minn qata mdawwra. Din il-qata kienet fonda cirka erba millimetri u kull xhud ikkonferma illi fl-ebda mument ma ra lill-imputat ixejjer idejh wisq anqas sikkina. Il-Qorti hi fid-dmir tirrileva illi meta persuna trid tferi lil haddiehor f'dak ic-cirkostanzi li kien jinsab fihom l-imputat imdawwar b'erba minn nies b'wiccu mghafus mal-hajt ikun ferm difficli li jaghmel ferita daqshekk superficjali u ezatta. Il-konkluzzjoni ta' din il-Qorti hi dik li in fondo jaf biha kulhadd u cioe` illi l-ferita f'wicc l-Ispettur Vassallo kienet kagun tal-waqa ta' dan l-ahhar fuq l-imputat meta dan twaqqa mal-art bis-sikkina f'idejh biex ikun immobilizzat. In sostenn ta' dan hemm zewg fatturi importanti. L-ewwel fattur huwa x-xhieda tal-espert mediko-legali li qal li l-ferita kienet wahda superficjali hafna tant li ma ppenetratx il-halq minkejja li l-gilda u l-muskoli hemmhekk mhumhiex hoxnin hafna u seta jikklassifika din il-ferita bhala qatgha. Fit-tieni lok, u*

***marbut ma dan il-konkluzzjoni, hemm id-dikjarazzjoni tal-Ispettur Antonello Grech li jghid li hu qatt ma ra lill-imputat ixejjer idejh jew sikkina u dan jikkonferma dak li qal l-imputat stess a fol 308 li qal li la darba sab ruhu l-ghassa ma offra l-ebda rezistenza.***

***Minn dawn ic-cirkostanzi ma tista' qatt tirrizulta l-intenzjoni tal-imputat li hu ried jaghmel hsara lill-Ispettur Paul Vassallo jew lill-xi ufficcjal iehor. Ikun skorrett da parti ta' din il-Qorti lil tikkonkludi illi la darba l-imputat kellu sikkina f'idejh irid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha. L-provi juru li s-sikkina hadha mieghu biex jagixxi in awtodifeza izda huwa qatt ma kien wasal sa dan il-punt meta sema l-kelma Pulizija gejja mill-Ispettur Vassallo. Hu importanti jinghad ukoll illi qabel dak il-hin hadd ma kien identifika ruhu bhala Pulizija u hadd ma ghajjat lill-imputat biex jieqaf ghaliex dawk li kienu qed isegwuh kienu Pulizija – anzi mar hu stess ghand il-Pulizija.***

***Di piu` l-Qorti hija wkoll konfortata mix-xhieda ta' l-Ispettur Antonello Grech li jghid a fol 318 li wara l-incident huwa kkonsulta mas-superjuri tieghu dwar il-fatt li l-imputat qatt ma rah ixejjer bis-sikkina u dawn qalulu biex johrog ic-charges imbaghad tara l-Qorti.***

***Il-Qorti hija moralment konvinta illi l-imputat fl-ebda hin ma kien jaf li dak li hareg mill-karozza u mexa fid-direzzjoni tieghu kien Pulizija. L-Ispettur Paul Vassallo kien pjuttost gdid fl-inkarigu tieghu f'Ghawdex u ghalhekk mhux konoxxut mill-imputat. Ghalhekk in segwitu meta l-incident kellu t-tmiem tieghu appena il-Pulizija identifikat lilha nnifisha, l-feriment tal-Ispettur kien wiehed purament incidentali u lil'hinn mill-intenzjoni tal-imputat.***

***Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuzi u tilliberah minnhom.***

***Dwar l-akkuza riferibbli ghal-gar ta' sikkina minghajr il-licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, l-oneru tal-prova li din kienet qed tingarr bhala parti mill-ghodda***

***tal-imputat kien jaqa fuqu u din il-prova ma tirrziultax meta hu jghid biss illi xoghol fil-barriera u hi parti mix-xoghol tieghu. Oltre dan ma tidher ebda neccesita` da parti ta' l-imputat li jsuq b'dak il-mod u jidhol f'toroq kontra s-sinjal tat-traffiku u ghalhekk issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi l-ohra;***

***Wara li rat l-artikoli 15 (1) (a) Kap 65 u 13 u 19 Kap 66 338 (ee) tal-kap 9;***

***Tikkundannah ghal hlas ta' multa komplessiva ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20) u tordna l-konfiska tas-sikkina esebita.***

Galadarba l-appell ta' l-Avukat Generali hu limitat ghall-piena, din il-Qorti ghandha logokament tibda billi tikkunsidra l-appell ta' John Mizzi.

L-appellant Mizzi jilmenta, bazikament, li l-ewwel qorti kienet zbaljata meta sabitu hati skod ir-raba', il-hames, is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet. Dwar ir-raba' imputazzjoni – cioe` li ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija – din il-Qorti minghajr tlaqliq tiddikjara li l-appellant Mizzi ghandu ragun. Galadarba l-ewwel qorti affermat li Mizzi induna li l-erbgha min-nies kienu ufficjali tal-pulizija biss wara li dawna kienu diga ibblokkawh billi rassewh mal-hajt tal-*Fire Station* (u malli induna li kienu ufficjali tal-pulizija huwa mill-ewwel ceda) ma jista' b'ebda mod jinghad li l-istess Mizzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali. Din id-disposizzjoni tippresuma li dak li jkun ikun jaf, jew ghall-anqas seta' ragonevolment ikun jaf, li dak li kien qed jaghti l-ordni kien persuna f'awtorita` jew altrimenti persuna inkarigata minn servizz pubbliku. Ghalhekk din il-Qorti ser tillibera lill-Mizzi mir-raba' imputazzjoni.

Dwar il-hames imputazzjoni – li mar kontra s-senjaletika tat-traffiku – din il-Qorti ukoll ser tillibera lill-appellant Mizzi, pero` mhux ghar-ragunijiet migjuba minnu fir-rikors, u cioe` minhabba li qed jinvoka d-difiza tan-"necessita`", jew l-hekk imsejjah *"jus necessitatis"*. Il-ligi taghna ma tirrikonoxxi ebda difiza generali, fis-sens ta' skriminanti

generali, ta' "neccessita`". Id-difiza ta' leggittima difeza (li l-appellant jaccenna ghaliha fir-rikors tieghu) hi limitata ghal kazijiet fejn persuna tkun qed tigi akkuzata b'omicidju volontarju jew offiza volontarja fuq il-persuna u mhux fejn l-akkuza tkun ta' xi reat iehor; u n-"neccessita`" hija differenti wkoll mid-difiza tal-koazzjoni, din tal-ahhar kontemplata fl-Artkolu 47(a) tal-Kodici Kriminali. Ir-raguni ghala din il-Qorti ser tillibera lill-appellant Mizzi mill-hames imputazzjoni hija semplici: l-Avukat Generali, fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju aktar 'l fuq imsemmija, ma indikax id-disposizzjoni tal-ligi riferibbilment ghal din l-imputazzjoni, b'mod ghalhekk li gie li qed jirrinunzja ghaliha.

Kwantu ghal dak li jirrigwarda s-sitt imputazzjoni – cioe` li saq b'mod perikoluz – din il-Qorti tara li l-appellant Mizzi ghandu ragun in parti biss. Din il-Qorti hi sodisfatta li huwa beda jsuq b'mod traskurat ga qabel ma l-pulizija bdew bl-insegwiment tieghu, u meta allura ma kien hemm ebda raguni ghala huwa kellu jahseb li kien qed jigi insegwit minn xi Maltin bil-hsieb li jaghmlu ghalih. Ir-reat ta' sewqan traskurat huwa kompriz u involut f'dak (aktar gravi) ta' sewqan perikoluz.

Fl-ahhar nett ghal dak li jirrigwarda s-sitt imputazzjoni, din tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 13(1) tal-Kap. 66, u cioe` r-reat ta' min ikollu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Kuntrarjament ghal dak li osservat l-ewwel qorti fis-sentenza appellata, id-disposizzjoni tal-Artikolu 15(b)[1] tal-Kap. 66 ma hix f'dan il-kaz relevanti. Il-provi juru bic-car li Mizzi qabad is-sikkina u harigha mieghu mill-karozza mhux in konnessjoni max-xoghol tas-sengha tieghu izda biex juzaha – imqar biex ibezza' – fil-konfront tan-nies li kienu qed jigru waraj u li hu ma kienx jaf li kienu pulizija. Anqas ma hu relevanti l-fatt li Mizzi impunja dik is-sikkina biex, skond hu, jiddefendi lilu nnifsu: dan il-fatt xorta wahda jammonta ghal reat u hu punibbli. Fejn il-legislatur

[1] Art. 15(b): "Id-disposizzjoni ta' l-artikolu 13 ma tghoddx…fil-kaz ta' sikkina wzata minn persuna fix-xoghol tas-sengha taghha, jekk, meta jitqiesu z-zmien, il-lok u cirkostanzi ohra, il-qorti tkun sodisfatta illi dik is-sikkina kienet fil-fatt migjuba fuq il-persuna ghax-xoghol ta' dik is-sengha."

ried li l-garr ta' armi bla licenzja ma jkunx suggett ghal piena, dan qalu espressament. Hekk wiehed isib il-proviso tas-subartikolu (1A) tal-Artikolu 3 tal-Kap. 66, li jipprovdi li jekk persuna ikollha, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, fil-pusses jew kontroll taghha, jew ikollha f'idejha jew fuqha, arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu hi ma tehel ebda piena jekk il-fatt isehh "minhabba fil-bzonn attwali tad-dfiza legittima" taghha nnifisha jew ta' persuna ohra. Ebda ezenzjoni mill-piena ma hi provvduta fir-rigward tal-Artikolu 13, ghalkemm, s'intendi, ghandu jkun hemm il-moderazzjoni fil-piena konformement mac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Il-Qorti sejra tghaddi issa biex tikkunsidra l-appell ta' l-Avukat Generali. Dwar dana l-appell din il-Qorti ftit li xejn ghandha xi tghid. B'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 11(1) u 17(f) tal-Kodici Kriminali, il-piena minima pekunjarja applikabbli ghar-reati ipotizzati fl-imputazzjonijiet numru sitta u sebgha hija ta' multa ta' hmistax-il lira (Lm15). L-ewwel qorti imponiet multa ta' ghxorin lira. Ghalhekk ma hemmx lok ta' varjazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-piena pekunjarja. Pero` kif tajjeb osserva l-appellant Avukat Generali l-ewwel qorti kellha tapplika l-iskwalifika mil-licenzja tas-sewqan, pero` dan mhux skond is-subartikolu (2) tal-Artikolu 15 tal-Kap. 65, izda skond is-subartikolu (3). It-talba tal-prosekuzzjoni ghal tali skwalifika ghandha tigi meqjusa bhala prezunta galadarba l-imputazzjoni originali kienet tipotizza r-reat ta' sewqan perikoluz (u li allura ma jirrikjedix tali talba skond is-subartikolu (2)). Huwa f'dan is-sens biss li l-appell ta' l-Avukat Generali ser jigi akkolt.

Ghall-motivi premessi, tipprovdi dwar iz-zewg appelli bil-mod segwenti:

a) tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant John Mizzi hati skond ir-raba' u skond il-hames imputazzjoni, u tilliberah minn dawn l-imputazzjonijiet;

b) thassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn sabitu hati ta' sewqan perikoluz skond is-sitt imputazzjoni, u minflok issibu hati ta' sewqan traskurat;
c) b'zieda mal-piena ta' multa ta' ghoxrin lira u l-konfiska tas-sikkina ezibita, tiskwalifika lill-appellat John Mizzi mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghall-periodu ta' tlett gimghat mill-lum; u
d) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

(ft.) V. DeGaetano
P"Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D'Registratur

Vera kopja

D/Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------